Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma d-digriet appellat. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti;

---

**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**

Charles Micallef

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**Sigurtà Soċjali - Kap. 318 - Arbitru - Appell minn Deċiżjoni ta' - *Children's Allowance* - Ritrattazzjoni - Artikolu 811 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi**

*Talba għal ritrattazzjoni wara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li ddeċidiet appell minn deċiżjoni ta' Arbitru u fejn f'kull stadju ġie kkonfermat illi l-appellant ma kienx intitolat għal* Children's allowance.

*Illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi l-liġi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, għalhekk,*

*jista' jiġi nvokat biss f'dawk il-każijiet espressament elenkati, u dan b'mod tassattiv, fil-liġi. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet realttivi għandhom jiġu nterpretati ristrettivament. Fi kliem ieħor ma jistax jiġi permess li taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerġa' jiftaħ il-meritu tal-kawża, għax b'daqstant ikun qiegħed jinħoloq tribunal tat-tielet istanza, ħaġa mhix permessa.*

*Il-Qorti ta' l-Appell iċċitat b'approvazzjoni l-orjentamenti u prassi tagħha in preċedenza dwar il-punt: illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu vvalutati jew interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hem lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawn il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-liġi flok disposizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza mpunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għar-ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti illi dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-liġi ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi tajba b'mod ħażin.*

Il-Qorti:-

B'deċiżjoni ta' l-Arbitru, maħtur taħt l-Att X ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) li ġġib in-numru 94/94 meħuda fid-19 ta' April, 1994, l-appell ta' Charles Micallef mid-deċiżjoni tad-Direttur ġie miċħud;

Ir-ritrattand Micallef appella minn din id-deċiżjoni fuq punti ta' liġi permezz ta' rikors ippreżentat quddiem din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' Ġunju, 1994, li fih talab it-tħassir ta' l-imsemmija deċiżjonijiet ta' l-Arbitru u tad-direttur u li jiġi ordnat li jsir il-ħlas taċ-*Children's Allowance* b'effett mill-1974

kif mitlub minnu fl-applikazzjoni tiegħu;

B'sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju, 1995 din il-Qorti, diversament ippresjeduta u rikomposta ċaħdet l-appell ta' Charles Micallef u kkonfermat id-deċiżjoni appellata u ordnat li l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet stante n-natura tal-kwistjoni legali nvoluta. Charles Micallef intavola petizzjoni ta' ritrattazzjoni minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta u komposta;

L-aggravju huwa li dina s-sentenza applikat il-liġi ħażin, u dan skond l-artikolu 811 subinċiż (e) tal-Kap. 12, jagħti lok għar-ritrattazzjoni tal-kawża, billi ġiet applikata liġi waħda flok oħra, kif ser jiġi mfisser *infra*;

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:

Illi r-ritrattand applika għall-ħlas taċ-*Children's Allowance*. L-applikazzjoni tiegħu saret fl-10 ta' April, 1990. Wara din id-data, daħlu fis-seħħ żewġ emendi b'effett mill-20 ta' April, 1990, li bidlu radikalment il-posizzjoni legali;

Illi fis-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, fit-8 ta' Mejju, 1995, ġiet applikata liġi waħda, jew aħjar żewġ emendi, flok liġi oħra. Fis-sentenza ġew applikati żewġ emendi ntrodotti bl-Att XVI ta' l-1990 (li daħal fis-seħħ fl-20 ta' April, 1990) u l-Att XIII ta' l-1991 (li ukoll daħal fis-seħħ b'effett mill-20 ta' April, 1990). Invece kellu jiġi applikat l-Att X ta' l-1987, illum Kap. 318 (li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1987), li kien fis-seħħ meta saret l-applikazzjoni ta' l-esponent, liema Att ikkonsolida l-leġislazzjoni in materja u li abroga l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Fl-Att X ta' l-1987 l-emenda introdotta bl-Att LIII ta' l-1974 tħalliet barra mill-Att;

Is-sentenza tat-8 ta' Mejju, 1985, erronjament applikat l-emendi ntrodotti bl-Att XVI ta' l-1990 u l-Att XIII ta' l-1991 u qalet li dawn iż-żewġ emendi laħqu ġew ippromulgati sakemm kienet għadha qed tiġi pproċessata t-talba. Invece, meta saret it-talba (10 ta' April, 1990) li rradikat id-drittijiet ta' l-esponent, kienet għadha ma ġietx emendata l-liġi. Għalhekk, l-applikazzjoni kellha tinħadem skond il-liġi kif kienet fl-10 ta' April, 1990 (i.e. qabel l-imsemmija żewġ Atti ta' l-1990 u 1991 rispettivament). Għalhekk, il-liġi li kellha tiġi applikata fis-sentenza kienet l-Att X ta' l-1987 (*Consolidation Act*) fl-istat li kienet fl-10 ta' April, 1990 meta saret it-talba. Fi kliem ieħor, ġiet abbinata liġi żbaljata;

Ma setgħux jiġu applikati l-Att XVI ta' l-1990 u l-Att XIII ta' l-1991, għaliex dawk daħlu fis-seħħ b'effett mill-20 ta' April, 1990, ċjoè wara li saret it-talba u konsegwentement wara li d-drittijiet ta' l-esponent għaċ-*Children's Allowance* kienu ġà ġew radikati;

Dan qed jingħad għaliex l-eżitu ta' l-applikazzjoni għaċ-*Children's Allowance* m'għandu jiddependi bl-ebda mod mill-*iter* burokratiku tad-Dipartiment. Altrimenti tista' tinħoloq disparità u inugwaljanza bejn, per eżempju, żewġ talbiet ippreżentati flimkien fl-10 ta' April, 1990, waħda tiġi pproċessata disat (9) ijiem wara u tintlaqa' u l-oħra tiġi pproċessta ħdax (11)-il ġurnata wara, u tiġi miċħuda għax tkun inbidlet il-liġi waqt l-*iter* burokratiku tad-Dipartiment. Dan hu malsan, altament arbitrarju u nġust;

Invece, kieku ġiet applikata l-liġi fl-istat li kienet fid-data ta-talba (i.e. mingħajr l-emendi) kif suppost sar, it-talba kienet tiġi milqugħa;

Skond l-artikolu 101 ta' l-Att X ta' l-1987 (Kap. 318) kif

kien jaqra fl-10 ta' April, 1990 (meta saret it-talba għaċ-*Children's Allowance*), ma kien hemm l-ebda żmien preskritt li fih kellha ssir it-talba. Għalhekk, it-talba ta' l-esponent kienet perfettament in regola fl-10 ta' April, 1990, u ma ġietx kolpita biż-żewġ emendi li daħlu fis-seħħ b'effett mill-20 ta' April, 1990;

Għandu jingħata riljev lil dawn iż-żewġ osservazzjonijiet:

Illi biex din il-Qorti tiggwida jew tfakkar lilha nfisha, irreġistrat is-segwenti verbal fit-2 ta' Frar, 1995:

"L-artikolu 101 tal-Liġi qabel ma ġie emendat fl-20 ta' April, 1990 ma kienx applikabbli għall-kwistjonijiet dwar *allowance* tat-tfal, u ma kien hemm ebda regolamentazzjoni taż-żmien jew terminu meta l-ġenitur għandu javża lid-Direttur meta l-operazzjoni ġenetika rnexxiet ...";

Ġara, però li din l-Onorabbli Qorti nonostante dan il-verbal, applikat l-emendi retroattivament bħallikieku kienu fis-seħħ fl-10 ta' April, 1990, meta mhux suppost sar hekk. Kellha tiġi applikata l-liġi (i.e. artikolu 101 ta' l-Att X ta' l-1987, illum Kap. 318) qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi. Fl-imsemmi Kap. 318, l-emenda introdotta bl-Att LIII ta' l-1974 ma ġietx inkluża;

Huwa ovvju li l-emendi setgħu japplikaw biss għat-talbiet li saru wara l-20 ta' April, 1990, meta daħlu fis-seħħ;

Illi s-sottomissjoni ta' l-esponent li l-emenda (N.B. mhux "emendi") saret *ad hominem* kienet fir-rigward ta' l-Att XIII ta' l-1991 biss. Iżda, fis-sentenza tat-8 ta' Mejju, 1995, intqal hekk:

"... sa minn qabel ma r-rikorrent iddeċieda li, fl-aħħar,

wara żmien twil, jagħmel l-applikazzjoni għall-ħlas taċ-*Children's Allowance*, il-Gvern kien diġà ressaq l-abbozz ta' liġi fil-Parlament biex tiġi emendata l-istess liġi ... bl-ebda mod ma tista' din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant li dina saret, din kienet emenda tal-liġi *ad hominem*";

Jidher ċar illi din l-Onorabbli Qorti fehmet din is-sottomissjoni bħala li qiegħda ssir fir-rigward ta' l-ewwel emenda, ċjoè l-Att XVI ta' l-1990, li ċertament mhux il-każ. Daltronde, l-esponent ma jarax kif jista' jiġi iddubitat li t-tieni emenda, ċjoè l-Att XIII ta' l-1991, kienet waħda *ad hominem* meta jiġu eżaminati d-differimenti ta' dik l-epoka quddiem l-Arbitru u l-fatt li t-talba kienet ġà saret fl-10 ta' April, 1990, u l-fatt li quddiem l-Arbitru kien hemm pendenti 3 każijiet biss dwar dan il-punt;

Illi dan kollu jiġġustifika t-talba ta' l-esponent għar-ritrattazzjoni tal-proċeduri fi stadju ta' appell, in bażi għall-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12, billi l-fatti ġew, bi żball, irregolati b'artikolu tal-liġi li ma jagħmilx għall-każ, flok ieħor, li għall-kuntrarju huwa dak ġust;

Għaldaqstant, il-petizzjonant talab illi din il-Qorti jogħġobha, prevja t-tħassir tas-sentenza msemmija ta' din l-Onorabbli Qorti diversament komposta mogħtija fit-8 ta' Mejju, 1995, tordna r-ritrattazzjoni ta' l-appell a bażi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 u tilqa' t-talba għat-tħassir tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur. Bl-ispejjeż kollha kontra d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali";

Ir-ritrattat wieġeb:

"Illi fl-ewwel lok il-proċedura istitwita mill-petizjonant Micallef, hija rrita u nulla stante li filwaqt li l-petizzjoni ta'

ritrattazzjoni ġiet ippreżentata fis-7 ta' Lulju, 1995, il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża saret fis-7 ta' Awissu u għalhekk mhux kontestwalment mal-petizzjoni kif meħtieġ skond il-liġi fl-artikolu 815 tal-Kap. 12;

Illi subordinatament għas-suespost, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha tiġi miċħuda stante li tikser l-istess artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 billi r-ritrattazzjoni mitluba hija biss pretest biex jerġa' jsir appell ieħor bit-tama li din il-Qorti tagħti nterpretazzjoni oħra tal-liġi;

Illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju, 1995, applikat sewwa l-liġi li kienet u għadha tolqot il-meritu tal-kwistjoni ssollevata minn petizjonant. Illi din ir-ritrattazzjoni hija inammissibbli billi Micallef qed jippretendi li tiġi applikata l-istess liġi però qabel ma saru l-emendi ta' l-1990, għax hekk hu konvenjenti għalih u qed jitlob lil dina l-Qorti biex tinjora emenda speċifika li tolqot id-data ta' l-applikazzjoni ta' Micallef jiġifieri dik introdotta bl-Att XIII ta' l-1991;

Illi jingħad ukoll li bħala fatt ġie ppruvat li għalkemm l-aplikazzjoni ta' Micallef saret fl-10 ta' April, 1990 kien biss fis-27 ta' April, jiġifieri wara li kienu diġà għaddew l-emendi ta' l-Att XVI ta' l-1990, li l-petizzjonant ħallas il-kontribuzzjonijiet li kellu nieqsa. Dan juri kemm hija nfondata l-pretensjoni ta' Micallef li jidhirlu li kellu xi dritt radikat fid-data ta' l-applikazzjoni tiegħu. Dan għaliex fit-tali data l-liġi kienet tipprovdi li l-ebda benefiċċju ma kellu jitħallas lil persuna li ma kinitx ħallset in-numru ta' kontribuzzjonijiet rikjesti mil-liġi";

Għaldaqstant ir-ritrattat talab li din il-Qorti tiċħad it-talbiet kollha tal-petizjonant u żżomm ferma d-deċiżjoni tagħha tat-8 ta' Mejju, 1995;

Bħala fatti saljenti tal-każ jemerġi li fid-19 ta' April, 1995, l-Arbitru maħtur taħt l-Att dwar l-Att ta' l-1987, dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318) iddeċieda billi ċaħad appell magħmul mir-ritrattand Charles Micallef;

In segwitu, l-imsemmi Charles Micallef appella minn din is-sentenza mogħtija mill-Arbitru. Il-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza tagħha tat-8 ta' Mejju, 1995, ċaħdet l-appell ta' Micallef u dan allura ntavola petizzjoni ta' ritrattazzjoni quddiem din il-Qorti, kif ippresjeduta;

Il-bażi għat-talba tar-ritrattand hija msejsa fuq l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan billi l-imsemmi Charles Micallef qiegħed jissottometti li l-fatti tal-każ in eżami "ġew, bi żball, regolati b'artikolu tal-liġi li ma jagħmilx għall-każ, flok ieħor, li għall-kuntrarju huwa dak ġust". Skond ir-ritrattand, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell, ġew applikati żewġ emendi fil-liġi li kienu ġew introdotti bl-Att XVI ta' l-1990 u l-Att XIII ta' l-1991. Minflok li sar hekk, dejjem skond kif qiegħed jissottometti r-ritrattand Micallef, kellu jiġi applikat l-Att X ta' l-1987, illum Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien fis-seħħ meta saret l-applikazzjoni tar-ritrattand. Billi ż-żewġ emendi msemmija daħħlu fis-seħħ data wara li saret l-istess talba, dawn ma setgħux u ma kienx imisshom jiġu applikati;

Min-naħa tiegħu, ir-ritrattat wieġeb li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-liġi b'mod korrett. Bħala fatt irriżulta li għalkemm l-applikazzjoni tar-ritrattand Micallef saret fl-10 ta' April, 1990, kien biss fis-27 ta' April, 1990, jiġifieri wara li kienu diġà għaddew l-emendi ta' l-Att XVI ta' l-1990 li r-ritrattand ħallas il-kontribuzzjonijiet li kellu nieqsa;

Illi minn eżami akkurat tas-sentenza meritu ta' din ir-

ritrattazzjoni jirriżulta wisq ovvju li dak li preżentement qed jiġi sottomess mir-ritrattand għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti kien diġà tressaq minnu quddiem il-Qorti ta' l-Appell u li din il-Qorti, kif dakinhar komposta, daħlet sew fil-kwistjoni qabel ma għaddiet biex tesprimi ruħha bis-sentenza tagħha. Difatti l-istess Qorti ntroduċiet id-deliberazzjoni approfondita tagħha hekk:

"... jiġi osservat illi effettivament il-vertenza kollha hija dwar x'liġi kellha tapplika fil-każ ta' l-appellant (Micallef) u partikolarment jekk indipendentement mill-fatti illi kien għadu ma għamilx applikazzjoni għall-ħlas taċ-*Children's Allowance*, l-istess *allowance* kinitx dovuta bħala dritt skond il-liġi";

Fost oħrajn, il-Qorti ta' l-Appell, kienet irriteniet li:

"Din il-Qorti, bħall-Arbitru, tosserva illi d-Direttur kien obbligat josserva l-liġi kif kienet viġenti meta ġie biex jikkunsidra t-talba tar-rikorrent u ma setax jinjora l-istess liġi jekk dina kienet sadanittant ġiet promulgata";

Kemm mill-bran ċitat kif ukoll mill-korp intiera tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell għandu jirriżulta li l-Qorti kkunsidrat l-ilmenti llum issollevati mill-ġdid mir-ritrattand. Mhux eskluż il-fatt li għad jeżistu argumenti validi li jimmilitaw kontra dak li ġie ritenut dakinhar mill-Qorti ta' l-Appell. Fi kliem ieħor, ir-ritrattand jibqa' intitolat li mhux bilfors jaqbel u jikkonvinċi ruħu b'dak li ġie deċiż fil-każ tiegħu. Madankollu, dan ifisser li bil-proċedura odjerna tiegħu, ir-ritrattand qiegħed jinvita lil din il-Qorti sabiex tinterpreta l-fatti u l-liġijiet applikabbli mill-ġdid - ħaġa li mhijiex legalment permissibbli;

Ġie kemm-il darba ritenut minn dawn il-Qrati illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat

jikkostitwixxi l-liġi bejn il-kontendenti. Dan ir-rimedju, għalhekk, jista' jiġi nvokat biss f'dawk il-każijiet espressament elenkati u dan b'mod tassattiv, fil-liġi. Minbarra dan, id-disposizzjonijiet relattivi għandhom jiġu nterpretati ristrettivament. Fi kliem ieħor, ma jistax jiġi permess li taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerġa' jiftaħ il-meritu tal-kawża, għax b'daqstant ikun qiegħed jinħoloq tribunal tat-tielet istanza, ħaġa mhix permessa. Fil-fehma tal-Qorti, huwa proprju dan li qed jipprova jagħmel ir-ritrattand f'dan il-każ tramite s-sottomissjonijiet tiegħu;

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Charles Caruana** ***vs*** **Giuseppe Gauci** ***et***, (Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Lulju, 1995, Koll. Vol. LXXX.II.586 u diversi oħrajn simili):

"Illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu vvalutati jew interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawn il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-liġi flok disposizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza mpunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għar-ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-liġi ħażina għall-każ u mhux li applikat il-liġi tajba b'mod ħażin";

Għalkemm bil-mod kif imposta s-sottomissjonijiet tiegħu, deher li kien qiegħed jipprova jgħid li ġiet applikata liġi minflok oħra żbaljatament, jidher biċ-ċar li l-Qorti ta' l-Appell kienet

ħadet kont sew ta' dak li ġie sottomess lilha dakinhar mir-ritrattand u ciononostante, b'mod iddikjarat u b'argumenti motivati, iddeċidiet li tirrespinġi dak li kien ġie hekk sottomess mill-appellant Micallef. Proprju għalhekk li dik il-Qorti rriteniet ukoll li:

"kien ikun differenti l-każ kieku t-talba (ta' l-appellant) saret u kienet għadha ma ġietx emendata l-liġi u d-Direttur ġie biex jiddeċidi il-għaliex, f'dak l-istadju, allura, kienet tkun valida s-sottomissjoni ta' l-appellant illi, stante li l-liġi ma kinitx tipprevedi jew tipprefiġġi terminu li fih l-applikazzjoni setgħet issir, allura kwalunkwe deċiżjoni tad-Direttur ma setgħetx tkun preġudizzjevoli";

Ir-ritrattand jirreferi ukoll għall-verbal li ġie rreġistrat fit-2 ta' Frar, 1995, mill-Qorti ta' l-Appell b'referenza għall-applikabilità o meno ta' l-artikolu 101 ta' l-Att X ta' l-1987 (Kap. 318) qabel ma dan ġie emendat fl-20 ta' April, 1990, però anke f'dan il-każ mill-korp tas-sentenza jirriżulta li l-Qorti ta' l-Appell ħadet ukoll kont ta' dan il-fatt u dan qalitu espressament fis-sentenza tagħha. Dan apparti l-konsiderazzjoni li l-mod kif ġie redatt l-imsemmi verbal (a fol. 21 tal-proċess) lanqas juri eżattament jekk dak li tniżżel kienx argument tal-parti jew dikjarazzjoni tal-Qorti għax fil-fatt hekk kif tniżżel saret trattazzjoni orali u ġie rreġistrat ukoll, fl-istess verbal, li l-kontendenti:

"kellhom jindikaw kif kienet u tbiddlet rilevanti għal każ (*sic*) mill-1974 sakemm għamel it-talba Charles Micallef ...";

F'kull każ però jirriżulta abbundantement li l-Qorti ta' l-Appell ikkunsidrat dak kollu li ġie sottomess lilha f'dan il-kuntest u ma jidhirx li dak li tqanqal mir-ritrattand fil-petizzjoni tiegħu in eżami jinkwadra tabilħaqq ruħu fid-disposittiv ta' l-

artikolu 811 (e) tal-Kap. 12;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet tar-ritrattand Charles Micallef bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra tiegħu.